MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2010

Talba Numru. 913/2009

**Go p.l.c.**
**(C – 22334)**

**vs**

**Emanuel Farrugia**
**(I.D. 422858M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lill-konvenut il-hlas tas-somma ta' elf, mitejn u tnejn u tletin ewro u tnejn u disghin centezmi (€1,232.92), in konnessjoni mas-servizz telefoniku li jgib in-numru 21412521 (AT 5864/88, AC 10179813) skont diversi kontijiet mibghuta lilhu, u skont id-dokument annessi mal-avviz tat-talba:

IZY1 – prospett ghas-servizz bl-akkont numru 10179813 (telefon 21412521)
IZY2 – ftehim ghal pagamenti mensili dwar is-servizz telefoniku 21412521

IZY3 – ftehim sabiex jinqaleb in-numru 21431986 ghal iehor gdid
IZY4 – ftehim dwar is-servizz telefoniku 21431986

Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas, izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali, kontra l-konvenut li gie ngunt in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra n-nota ta' riduzzjoni tas-socjeta' kummercjali GO p.l.c. pprezentata fil-15 ta' Jannar, 2010.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil konvenut ihallas is-somma ta' elf, mitejn u sitt ewro u tnejn u disghin centezmi (€1,206.92), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------